

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1453

tal-5 ta' Settembru 2016

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti ristrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern ta' qabel tal-Iraq koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq fid-data tat-22 ta' Mejju 2003 skont dan ir-Regolament.
- (2) Fit-30 ta' Awwissu 2016, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi erba' entitajiet mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom jeħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi, b'referenza għall-paragrafi 19 u 23 tar-Riżoluzzjoni 1483(2003) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.
- (3) Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 131/2011 (ĠU L 41, 15.2.2011, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Settembru 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

ANNEX

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, l-annotazzjonijiet li ġejjin jitħassru:

- (a) "5. Iraqi Airways Company (magħrufa bħala (a) Iraq Airways Company, (b) Iraqi Airways, (c) Iraq Airways, (d) IAC, (e) I.A.C.);
 - (b) "29. DIRECTORATE-GENERAL OF GOVERNORATE ELECTRICITY DISTRIBUTION. Indirizz: P.O. Box 20107, New Baghdad Aqaba Bin Nafii Square, Baghdad, Iraq.";
 - (c) "35. ELECTRONIC INDUSTRIAL COMPANY. Indirizz: P.O. Box 11359, Za'afaraniya, Baghdad, Iraq.";
 - (d) "74. LIGHT INDUSTRIES COMPANY. Indirizz: P.O. Box 164 Baghdad, Za'afaraniya, Baghdad, Iraq.".
-